

I

(Riżoluzzjonijiet, Rakkomandazzjonijiet u Opinjonijiet)

RAKKOMANDEZZJONIJIET

IL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

RAKKOMANDEZZJONI TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

tat-3 ta' April 2009

lill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea dwar l-awdituri esterni tad-De Nederlandsche Bank

(BĊE/2009/8)

(2009/C 93/01)

IL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra l-Istatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, u b'mod partikolari l-Artikolu 27.1 tiegħu,

Billi:

- (1) Il-kontijiet tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) u tal-banek ċentrali nazzjonali huma awditjati minn awdituri esterni indipendenti rakkomandati mill-Kunsill Governattiv tal-BĊE u approvati mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.
- (2) Fit-12 ta' Lulju 2005, Josephus Andreas Nijhuis, *accountant* reġistrat u president tal-bord ta' PricewaterhouseCoopers Accountants N.V. ("PWC"), li aġixxa fil-kapaċità personali tiegħu, inħatar bħala l-awditur estern tad-De Nederlandsche Bank (DNB) mis-sena finanzjarja 2005 għal perjodu indefinit.

- (3) Josephus Andreas Nijhuis irriżenja minn PWC b'effett mill-1 ta' Ottubru 2008. Għalhekk id-DNB jeħtieġ li jaħtar awdituri ġodda.
- (4) Id-DNB jixtieq jagħżel lil PWC bħala l-awdituri esterni tiegħu għas-snin finanzjarji 2008 sa 2011,

ADOTTA DIN IR-RAKKOMANDEZZJONI:

Huwa rakkomandat li PricewaterhouseCoopers Accountants N.V. għandhom jinħatru bħala l-awdituri esterni tad-De Nederlandsche Bank għas-snin finanzjarji 2008 sa 2011.

Magħmula fi Frankfurt am Main, 3 de Abril de 2009.

Il-President tal-BĊE
Jean Claude-TRICHET